MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Avviz Numru. 332/2005

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Francis Chetcuti (ID 755143M)**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u disa' erbghin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm2,249.48) rapprezentanti ammont minnu dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 21383914, 693960, 697864, 21804518 u 667130 (AT863/62 – AC10129946, 10016942, 10020275, 10040499, 10020817).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezentata ta' l-Avviz u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-13 ta' Gunju, 2006, meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------